MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 150/2003

**Avviz numru 150/2003DM**

**Express Trailers Ltd**

**Vs**

**Euro Chemie Products Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' (Lm1,830.44) elf, tmien mija u tletin liri, u erbgha u erbghin centezmi dovuta minnhom lis-socjeta attrici bhala noll u spejjez relatati, ma garr ta' merkanzija skond ir-rendikont anness mall-avviz u mmarkat dokument A, liema somma huma ammettew li hija dovuta lis-socjeta

attrici kif jirrizulta mill-ittra taghhom tas-27 ta' Frar 2003 (Dok B).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Novembru, 2002 u bl-imghax kummercjali kontra il-konvenuti mad-dati tal-fatturi rispettivi, bil-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament ix-xhud prodott mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esibiti u rat ukoll in-nota t'ammissjoni pprezentata fl-udjenza mill-konvenuti issb illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf u tmien mija u tletin liri, u erbgha u erbghin centezmi (Lm1,830.44) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b'effett mid-9 ta' Lulju 2001;

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------